# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 928

KAZ NRU. 1037

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmel Seracino

u

John's Garage Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 17 ta' Frar, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

1. **Introduzzjoni**

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 20 ta' Mejju, 1996 riferenza ME4/95/145/II talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni tax-xoghol skond Art. 28(2) ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Rapprezentanza**

Ghall-appellant fil-bidu is-sur Richard A. Matrenza u kompla l-avukat Karmenu Mifsud Bonnici.

Ghall-kumpanija s-sur John Farrugia li kien assistit mis-sur Alfred Mallia Milanes.

3. **Xhieda**

Is-sinjuri :

Paul Gouder, Jesmond Sacco, John Barbara, Therese Xuereb William Pawney, Sonny Gouder, France Spiteri, Charles Darmanin, Herbet Hyling, Grezzju Gauci, John Farrugia, George Fava, Mario Bonello, James Zammit, Anthony Farrugia u Emy Farrugia.

Numru ta' xhieda ohra gew indikati izda mhux kollha xehdu.

4. **Dokumenti**

Gew prezentati minn naha ta' l-appellant l-*istatement of case* li jinkludi :

a) certifikat ta' temm ta' l-impjieg - Dok 'A'
b) ittra ta' temm ta' l-impjieg - Dok 'B'
c) korrizpondenza mat-Trade Club - Dok 'C'

minn naha tal-kumpanija gie pprezentat l-*istatement of case*.

5. **Informazzjoni Generali**

Fil-bidu tal-kaz it-Tribunal gie mitlub jaghti Decizjoni Preliminari fuq zewg eccezzjonijiet imqajjma mill-kumpanija rigward il-kompetenza tat-Tribunal fuq mertu ta' *redundancy* u fuq il-preskrizzjoni.

It-Tribunal fir-*ruling* li ta, ma laqax it-talbiet tal-kumpanija u fis-seduti ta' wara kemm l-appellant u l-kumpanija ghaddew ghal provi u argumenti dwar it-tkeccija ta' l-appellant minn John's Garage.

It-tezi ta' l-appellant kienet li t-trasferiment tas-servizz li John's Garage kien jipprovdi, nghata lil John's Auto Care Ltd, kumpanija ta' l-istess sidien. L-appellant li kien impjegat bhala Night Duty Manager ma' John's Garage isostni li dan gara biex huwa jitwarrab. Numru ta' xhieda gew imsejjha biex isostnu t-tezi ta' l-appellant.

Minn naha tal-kumpanija, din qeghda ssostni li s-servizz ta' bil-lejl ma kienx irendi, anzi kien qed jigi operat bit-telf. Ghaldaqstant John's Garage iddecidew li jitrasferixxu dan is-servizz lil John's Auto Care Ltd.

Ikomplu jsostnu li z-zewg kumpaniji huma distinti minn xulxin.

6. **<u>Osservazzjonijiet</u>**

Minn naha ta' l-appellant, il-linja kienet li dan it-trasferiment tas-servizz sewa biss biex jehilsu minnu.

Il-kumpanija thoss li ghandha taghmel dak kollu li jwassal ghat-tnaqqis mill-ispejjes u fl-istess hin tkompli toffri servizz erbgha u ghoxrin (24) siegha kuljum.

Il-qofol ta' dan il-kaz hu jekk ir-*redundancy* li operat il-kumpanija hux genwin jew le.

Il-fatt li x-xoghol ta' bil-lejl ta' John's Garage gie terminat ghal ragunijiet finanzjarji u fl-istess hin gie utilizzat is-servizz ta' kumpanija ohra, jista' jinghad li kien parti minn ezercizzju ta' *cost effectiveness*.

Pero' jista' wkoll ikun li dan l-ezercizzju jkun motivat biex issir manuvra li wiehed jehles mill-appellant.

It-Tribunal jizen dawn iz-zewg posizzjonijiet fid-dawl tax-xhieda u tal-fatti esposti. *Redundancies* ghandhom jintuzaw biss bl-akbar attenzjoni u li l-iskopijiet tal-Ligi jigu salvagwardati.

Zgur li mix-xhieda li tressqu wiehed ma jiehux stampa cara li dan it-trasferiment tax-xoghol sar biex il-post ta' Night Duty Manager jigi abolit.

It-Tribunal irid jimxi fil-parametri tal-Ligi u ghalkemm seta' sar dan ic-caqliq ghal din ir-raguni mill-kumpanija, ma giex pruvat li l-kumpanija ghamlet dan.

7. **<u>Decizjoni</u>**

Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija ta' l-appellant kienet rizultat ta' kawza gusta u skond il-ligi.

Ghall-finijiet ta'l-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Erbghin Lira Maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

--------------
**Emma Muscat**
**A/Segretarja**

mrg